



Brussell, 10 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

6717/26

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0006(NLE)

---

---

LIMITE

PROBA 10  
AGRI 138  
WTO 30

#### ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC) fir-rigward tal-istandard kummerċjali għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ u metodu ġdid ta' analiżi biex jiġi ddeterminat il-valur tal-perossidu f'dawn iż-żjut

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...**

**ta'...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC) fir-rigward tal-istandard kummerċjali għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ u metodu ġdid ta' analiżi biex jiġi ddeterminat il-valur tal-perossidu f'dawn iż-żjut**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015<sup>1</sup> (“il-Ftehim”) ġie ffirmat fit-18 ta’ Novembru 2016 f’isem l-Unjoni f’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1892<sup>2</sup> u ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/848<sup>3</sup>.
- (2) Skont l-Artikolu 7(1) tal-Ftehim, il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC, International Olive Council) (“il-Kunsill tal-Membri”) jista’ jieħu deċiżjonijiet u jadotta rakkomandazzjonijiet għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim.
- (3) Il-Kunsill tal-Membri għandu jadotta deċiżjoni li temenda l-istandard kummerċjali għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ u deċiżjoni dwar metodu ġdid ta’ analiżi biex jiġi ddeterminat il-valur tal-perossidu f’dawn iż-żjut, permezz ta’ skambju ta’ korrispondenza qabel il-123 sessjoni tiegħu li għandha ssir f’Ġunju 2026 jew matul dik is-sessjoni.

---

<sup>1</sup> Il-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (ĠU L 293, 28.10.2016, p. 4, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_internation/2016/1892/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2016/1892/oj)).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1892 tal-10 ta’ Ottubru 2016 dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (ĠU L 293, 28.10.2016, p. 2, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2016/1892/oj>).

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/848 tas-17 ta’ Mejju 2019 dwar il-konklużjoni f’isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (ĠU L 139, 27.5.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/848/oj>).

- (4) Id-deċiżjonijiet li għandhom jiġu adottati ġew diskussi b' mod estensiv bejn l-esperti xjentifiċi u tekniċi fil-qasam taż-żejt taż-żebbuġa mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri. Dawk id-deċiżjonijiet se jikkontribwixxu għall-armonizzazzjoni internazzjonali tal-istandards taż-żjut taż-żebbuġa u se jistabbilixxu qafas li se jiżgura kompetizzjoni ġusta fil-kummerċ tal-prodotti tas-settur taż-żejt taż-żebbuġa.
- (5) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar metodu ġdid ta' analiżi biex jiġi ddeterminat il-valur tal-perossidu fiż-żjut taż-żebbuġa u ż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ, permezz ta' skambju ta' korrispondenza.
- (6) Fir-rigward tal-emendi mill-IOC għall-istandard kummerċjali (l-Istandard kummerċjali COI/T.15/NC Nru 4 li japplika għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ), jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa ż-żieda tal-varjetà Coratina mal-varjetajiet Koroneiki u Nocellara del Belice, mingħajr ma tillimita l-applikazzjoni tan-nota f'qiegħ il-paġna dwar il-kontenut totali ta' sterol fil-varjetajiet Coratina, Koroneiki u Nocellara del Belice sa tmiem is-sena tal-ħsad 2026/27.

- (7) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-Membri, peress li d-deċiżjonijiet li għandhom jiġu adottati se jkollhom effetti legali fuq l-Unjoni fir-rigward tal-kummerċ internazzjonali mal-membri l-oħra tal-IOC u ser ikunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri dwar l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni u l-kontrolli tal-konformità għaż-żejt taż-żebbuġa adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 75 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>.
- (8) Jekk l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tiġi posposta għall-123 sessjoni tal-Kunsill tal-Membri, minħabba li xi membri tal-IOC ma jkunux f'pożizzjoni li jagħtu l-approvazzjoni tagħhom minn qabel għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet, jenħtieġ li l-pożizzjoni stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni tittieħed f'isem l-Unjoni matul il-123 sessjoni tal-Kunsill tal-Membri.
- (9) Madankollu, jenħtieġ li jkun possibbli għar-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill tal-Membri li jiftiehem dwar adattamenti tekniċi għal metodi jew dokumenti oħra tal-IOC mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill jekk daww l-adattamenti tekniċi jirriżultaw minn emendi relatati mar-reviżjoni tal-istandard kummerċjali jew mar-reviżjoni tal-metodu l-ġdid.

---

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj>).

- (10) Madankollu, sabiex jitħares l-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li r-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill tal-Membri jitħallew jitolbu l-posponiment tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li jemendaw l-istandard kummerċjali u tad-deċiżjoni dwar il-metodu ġdid biex jiġi ddeterminat il-valur tal-perossidu fiż-żjut taż-żebbuġa u fiż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ, jekk il-pożizzjoni li għandha tittieħed f' isem l-Unjoni x'aktarx tiġi affettwata minn informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida ppreżentata qabel ma jinbeda l-iskambju ta' korrisondenza qabel il-123 sessjoni tal-Kunsill tal-Membri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC) (“il-Kunsill tal-Membri”) fir-rigward tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet mill-Kunsill tal-Membri, permezz ta' skambju ta' korrispondenza, qabel il-123 sessjoni li għandha ssir f'Ġunju 2026 jew matul dik is-sessjoni, hija stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Id-deċiżjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu huma, d-deċiżjoni dwar l-istandard kummerċjali għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ, u d-deċiżjoni dwar metodu ġdid biex jiġi ddeterminat il-valur tal-perossidu f'dawn iż-żjut.

### *Artikolu 2*

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill tal-Membri jistgħu jiftiehemu dwar adattamenti tekniċi għal metodi jew dokumenti oħra tal-IOC mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill jekk daww l-adattamenti tekniċi jirriżultaw minn emendi relatati mar-reviżjoni tal-istandard kummerċjali għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ jew mal-mar-reviżjoni tal-metodu l-ġdid.

### *Artikolu 3*

Fil-każ li l-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 x'aktarx tiġi affettwata minn informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida ppreżentata qabel ma jinbeda l-iskambju ta' korrisondenza qabel il-123 sessjoni tal-Kunsill tal-Membri, ir-rappreżentanti tal-Unjoni għandhom jitolbu li l-adozzjoni tad-deċiżjoni li temenda l-istandard kummerċjali għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ u tad-deċiżjoni dwar il-metodu l-ġdid biex jiġi ddeterminat il-valur tal-perossidu f' dawn iż-żjut tiġi posposta sakemm il-pożizzjoni tal-Unjoni tiġi stabbilita abbażi ta' dik l-informazzjoni l-ġdida.

### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---